IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.11.2011
KUMM(2011) 775 finali

2011/0355 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jimponi dazju definittiv anti-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") fil-proċediment li jikkonċerna ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

- **Il-kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li saret b'konformità mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Hemm miżuri provviżorji fis-seħħ li kienu imposti mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 627/2011 tas-27 ta' Ġunju 2011 li jimponi dazju provviżorju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U STIMA TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati milquta mill-proċediment kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' esperti esterni.

- **Stima tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma fihx dispożizzjonijiet għal stima ġenerali tal-impatt iżda fih lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu vvalutati.

3. **L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

- **Taqsira tal-azzjoni proposta**

Fit-30 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni fetħet proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping provviżorji fuq dawn l-importazzjonijiet permezz tar-Regolament (UE) Nru 627/2011 tas-27 ta' Ġunju 2011.

Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill mehmuża hija bbażata fuq is-sejbiet definittivi li kkonfermaw l-eżistenza ta' dumping li jikkaġuna l-ħsara, u l-fatt li l-impożizzjoni tal-miżuri ma tmurx kontra l-interessi kumplessivi tal-Unjoni. B'mod ġenerali s-sejbiet provviżorji kollha ġew ikkonfermati. Korrezzjoni żgħira fil-kalkoli rriżultat f'bidliet limitati ħafna (ta' inqas minn punt perċentwali) fil-marġni tad-dumping u tal-ħsara u għalhekk fil-livelli tad-dazju.

Huwa għalhekk propost li l-Kunsill jadotta l-proposta mehmuża għal Regolament li għandu jiġi ppubblikat mhux aktar tard mid-29 ta' Diċembru 2011.

- **Il-bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-forma tal-azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tħallix lok għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini huwa mminimizzat u proporzjonat mal-għan tal-proposta, mhijiex applikabbli.

- **L-għażla tal-istrumenti**

Strument propost: regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa minħabba li r-Regolament bażiku ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

2011/0355 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jimponi dazju definittiv anti-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI PROVVIŻORJI

(1) Il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (UE) Nru 627/2011[2] ("ir-Regolament provviżorju"), imponiet dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ").

(2) Il-proċediment inbeda bħala riżultat ta' lment li tressaq fis-16 ta' Awwissu 2010 ("l-ilment") mill-Kumitat tad-Difiża tal-Industrija tat-Tubi Mingħajr Saldaturi tal-Azzar li ma Jissaddadx tal-Unjoni Ewropea ("il-Kumitat tad-Difiża") f'isem żewġ gruppi ta' produtturi tal-Unjoni ("l-ilmentaturi") li jirrappreżentaw proporzjon maġġuri, f'dan il-każ ta' aktar minn 50 %, tal-produzzjoni kollha ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx fl-Unjoni.

(3) Ta' min ifakkar li, kif stabbilit fil-premessa (14) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni tad-dumping u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa tmiem il-PI ("il-perjodu kkunsidrat").

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 169, 29.6.2011, p. 1.

B. IL-PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(4) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li bis-saħħa tagħhom ġie deċiż li jkunu imposti l-miżuri provviżorji ("żvelar provviżorju"), bosta partijiet interessati għamlu s-sottomissjonijiet bil-miktub fejn ippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw l-opportunità li jagħmlu dan. Il-Kummissjoni kompliet tfittex l-informazzjoni li qieset li kienet meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha.

Eżami individwali

(5) Fir-rigward tat-tliet talbiet għal eżami individwali, ġie deċiż definittivament li ma setgħux jintlaqgħu peress li kienu jrendu l-investigazzjoni ta' piż ikbar milli hemm bżonn u jipprevjenu t-tlestija fil-ħin tal-investigazzjoni. Kif jingħad fil-premessa (6) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kienet għażlet kampjun rappreżentattiv, li jkopri 25 % tal-importazzjonijiet totali rreġistrati fl-Eurostat matul il-PI u 'l fuq minn 38 % tal-volum totali tal-esportaturi li kkooperaw fil-PI. Kif indikat fil-premessa (13) tar-Regolament provviżorju, tnejn mit-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun jikkostitwixxu gruppi kbar. Id-daqs tal-gruppi jammontaw għal piż partikolari għall-investigazzjoni preżenti f'termini kemm tal-isforz investigattiv kif ukoll tal-analiżi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma kienx possibbli li jintlaqgħu t-talbiet għal eżami individwali minn produtturi esportaturi addizzjonali.

C. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(6) Ta' min ifakkar li, kif stabbilit fil-premessa (15) tar-Regolament provviżorju, il-prodott ikkonċernat huwa pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx (ħlief dawk il-pajpijiet u tubi b'tagħmir imwaħħal magħhom li jkunu adatti biex jgħaddu l-gassijiet u l-likwidi minnhom għall-użu fi bċejjeċ tal-ajru ċivili), li joriġinaw mir-RPĊ, li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM 7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, ex 7304 41 00, 7304 49 10, ex 7304 49 93, ex 7304 49 95, ex 7304 49 99 u ex 7304 90 00 ("il-prodott ikkonċernat").

(7) Billi ma kien hemm l-ebda kumment fir-rigward tal-prodott ikkonċernat wara l-iżvelar provviżorju, il-premessi (15) sa (19) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. Prodott simili

(8) Billi ma kien hemm l-ebda kumment, il-premessa (20) tar-Regolament provviżorju hija b’dan ikkonfermata.

D. DUMPING

1. Trattament ta' ekonomija tas-suq

(9) Wara l-iżvelar provviżorju, xi partijiet ikkontestaw xi wħud mis-sejbiet marbuta mad-determinazzjoni tal-MET kif stipulati fil-premessi (21) sa (43) tar-Regolament provviżorju.

(10) Waħda mill-partijiet sostniet li l-Kummissjoni ma żvelatx id-differenza fil-prezz tal-materja prima bejn tas-suq tal-UE u tas-suq Ċiniż. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li kemm l-iżvelar tal-MET, kif ukoll ir-Regolament provviżorju, jiżvelaw id-differenza nominali fil-prezz bejn il-prezzijiet tal-materja prima tal-UE, tal-Istati Uniti u taċ-Ċina. Kif intqal fil-premessa (27) tar-Regolament provviżorju, din id-differenza, bħala medja u skont il-grad tal-azzar, tammonta għal madwar 30 %. Rigward is-sorsi ta' informazzjoni li ffurmaw il-bażi għal dan it-tqabbil, il-Kummissjoni użat id-dejta disponibbli mill-produtturi tal-UE li kkooperaw u l-produtturi esportaturi fir-RPĊ. Din id-dejta kienet iċċekkjata billi tqabblet ma' xi sorsi disponibbli pubblikament[3].

(11) Ġie sostnut ukoll li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda tqabbil tal-prezzijiet tal-ħadid mhux maħdum importat fir-RPĊ mal-prezzijiet tas-suq internazzjonali. Similarment, ġie sostnut ukoll li ma kienet ipprovduta l-ebda dejta dwar l-impatt tal-ħadid mhux maħdum fuq l-ispiża tal-materja prima (billetti, ingotti, staneg tondi) mixtrija mill-produtturi tal-prodott ikkonċernat. Ir-referenza għall-ħadid mhux maħdum fil-premessa (28) tar-Regolament provviżorju saret fil-kuntest tal-vantaġġ komparattiv biex tiġi analizzata raġuni possibbli għall-prezzijiet baxxi tal-billetti, l-ingotti u l-istaneg tondi fir-RPĊ. Il-ħadid mhux maħdum flimkien man-nikil u l-kromju huma l-iktar li jgħollu l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-billetti, l-ingotti u l-istaneg tondi tal-azzar li ma jissaddadx. Iżda, minħabba l-fatt li l-prezzijiet tal-ħadid mhux maħdum, tan-nikil u tal-kromju huma ġeneralment ibbażati fuq il-prezzijiet tas-suq internazzjonali, l-impatt tagħhom fuq id-differenza fil-prezz bejn il-billetti, l-ingotti u l-istaneg tondi tal-UE u taċ-Ċina u finalment tal-pajpijiet u t-tubi tal-azzar li ma jissaddadx jista' jkun biss wieħed limitat. Għalhekk, is-sejbiet li wasslu għar-rifjut tal-kriterju 1 tat-talba għal MET ma kinux ibbażati fuq il-prezzijiet tal-ħadid mhux maħdum iżda fuq id-differenza fil-prezz bejn il-materji primi, jiġifieri l-billetti, l-ingotti u l-istaneg tondi, li jintużaw direttament fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat; din id-differenza fil-prezz flimkien mal-indħil stabbilit tal-Istat (taxxa tal-esportazzjoni u l-ebda rifużjoni tal-VAT) wasslu għall-konklużjoni li l-kriterju 1 għall-għoti ta' MET ma ġiex sodisfatt.

(12) Waħda mill-partijiet baqgħet issostni għal bosta drabi l-istess pretensjoni relatata mal-aspetti proċedurali għad-determinazzjoni ta' MET. Il-pretensjoni kienet relatata mal-konsultazzjonijiet mal-Kumitat Konsultattiv tal-Istati Membri, jiġifieri l-informazzjoni trażmessa lil dak il-kumitat matul l-investigazzjoni attwali. Il-kwistjoni ġiet spjegata f'żewġ ittri mibgħuta lill-parti u kienet suġġetta għal bosta skambji mal-Uffiċjal tas-Seduta. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li skont l-Artikolu 19(5) tar-Regolament bażiku skambji ta' informazzjoni relatati mal-konsultazzjonijiet li jkunu saru mal-Kumitat Konsultattiv tal-Istati Membri ma għandhomx ikunu żvelati ħlief kif stipulat speċifikatament dwar dan fir-Regolament bażiku. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ ma jippermettu l-ebda għoti ta' aċċess lill-partijiet għall-iskambji bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

(13) L-istess parti għamlet ċerti pretensjonijiet relatati l-iktar mal-kwistjoni tad-distorsjonijiet tas-suq tal-materja prima. Hija sostniet li l-billetti tal-azzar li ma jissaddadx mixtrija mis-suq domestiku Ċiniż kienu jammontaw biss għal porzjon żgħir tax-xiri ta' materja prima matul il-PI. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota l-ewwel u qabel kollox li l-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku ma jistabbilixxi l-ebda limitu fir-rigward tal-proporzjon ta' materja prima mixtrija li tkun affettwata minn

[3] *inter alia*, www.meps.co.uk.

distorsjonijiet. L-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku jistipula li l-ispejjeż ta' inputs maġġuri jridu jiġu riflessi sostanzjalment fil-valuri tas-suq. Iżda iktar importanti minn hekk, il-Kummissjoni spjegat li d-distorsjonijiet fis-suq tal-materja prima fir-RPĊ kienu jikkonċernaw il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx u mhux billetti biss. Il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi huma billetti, ingotti u staneg tal-azzar li ma jissaddadx li jirrappreżentaw iktar minn 50 % tal-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Dawk il-materji prima kollettivament jaqgħu taħt il-Kodiċi HS 7218 10 (ingotti u forom ewlenin oħra ta' azzar li ma jissaddadx). Huma kollha suġġetti għal taxxa tal-esportazzjoni ta' 15 % u mhuma suġġetti għal ebda rifużjoni tas-17 % VAT meta jiġu esportati. Huwa f'dan ir-rigward li ġew stabbiliti d-distorsjonijiet li wasslu għall-konklużjoni li l-kriterju 1 tal-valutazzjoni ta' MET ma ġiex sodisfatt mill-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun. Għall-kumpanija kkonċernata, il-materja prima użata għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mixtri mis-suq domestiku Ċiniż tammonta għal parti sostanzjali - madwar 30 % tax-xiri. Barra minn dan, ta' min jinnota li parti ewlenija oħra tiġi importata minn kumpaniji relatati. Anke meta wieħed jiffoka speċifikament fuq ix-xiri minn fornituri mhux relatati, xorta għandek 56 % mixtrija domestikament. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li sostniet il-parti, ma kien hemm l-ebda misrappreżentanza ta' fatti fir-rigward tad-determinazzjoni ta' MET, la fil-komunikazzjoni ma' dik il-parti u lanqas fil-proċess ta' konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kien infurmat bl-argumenti kollha li ntbagħtu. Għaldaqstant, il-pretensjoni għandha tiġi miċħuda.

(14) Waħda mill-kumpaniji sostniet li d-deċiżjoni li jiġi miċħud il-MET għandha tkun individwali u speċifika għall-kumpaniji filwaqt li fil-każ preżenti l-istituzzjonijiet estendew is-sejbiet ġenerali fil-livell ta' pajjiż għall-produtturi individwali. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat; fil-fatt l-analiżi li saret mill-istituzzjonijiet saret b'mod individwali għal kull produttur fil-kampjun. Huwa minnu li l-istituzzjonijiet waslu għall-istess konklużjoni għat-tlieta li huma imma dan seħħ minħabba l-fatt li hemm indħil mill-Istat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kull waħda minnhom, kif spjegat fir-Regolament provviżorju.

(15) B'rigward għal dan ta' hawn fuq, is-sejba li l-pretensjonijiet kollha ta' MET għandhom jiġu miċħuda, kif stabbilit fil-premessi (21) sa (43) tar-Regolament provviżorju, hija b'dan ikkonfermata.

2. **Valur normali**

(a) *Pajjiż analogu*

(16) Waħda mill-partijiet sostniet li l-Istati Uniti kellhom jintużaw bħala pajjiż analogu. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma jintużawx l-Istati Uniti bħala pajjiż analogu ġew spjegati fid-dettall fil-premessi (46) sa (48) tar-Regolament provviżorju. Minħabba l-fatt li l-parti ma ssostanzjatx il-pretensjoni tagħha u ma pprovdiet l-ebda argumenti addizzjonali li setgħu jalteraw is-sejbiet fir-rigward tal-Istati Uniti bħala pajjiż analogu possibbli, il-pretensjoni trid tiġi miċħuda.

(17) Fl-istess ħin irid jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni kompliet fl-isforzi tagħha biex issib kooperazzjoni minn pajjiż analogu xieraq. Wara l-isforzi msemmija fil-premessa (47) tar-Regolament provviżorju il-Kummissjoni kkuntattjat għadd ta' produtturi fil-Brażil,

fil-Kanada, fil-Malasja, fil-Messiku, fl-Afrika t'Isfel, fil-Korea t'Isfel, fit-Tajwan u fl-Ukraina. B'kollox 46 kumpanija ġew ikkuntattjati, imma ma setgħet tinstab l-ebda kooperazzjoni.

(18) Meta jiġi kkunsidrat dan kollu, il-konklużjoni provviżorja li l-valur normali għandu jkun ibbażat fuq il-prezzijiet effettivament imħallsa jew pagabbli fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat dovutament jekk ikun hemm bżonn biex jinkludu profitt raġonevoli, kif stabbilit fil-premessa (51) tar-Regolament provviżorju, huwa b'dan ikkonfermat.

(b) *Id-determinazzjoni ta' valur normali*

(19) Kif ġie spjegat fid-dettall fil-premessi (49) sa (51) tar-Regolament provviżorju, il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezzijiet effettivament imħallsa jew pagabbli fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat dovutament jekk ikun hemm bżonn biex jinkludu profitt raġonevoli, tat-tipi ta' prodott li jixbhuh l-iktar, bl-istess dijametru, grad ta' azzar u tip ta' prodott (eż. irfinuti bil-kesħa jew bis-sħana).

(20) Il-kummenti tal-partijiet relatati mal-prezzijiet effettivament imħallsa jew pagabbli fl-Unjoni kif ukoll dawk li jikkonċernaw l-aġġustamenti (bħal-livell ta' perċezzjoni tal-kummerċ u tal-kwalità) ġew indirizzati fil-premessi (45) u (46) iktar 'l isfel.

(21) Waħda mill-kumpaniji sostniet li l-valur normali jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-hollows tal-azzar li ma jissaddadx fl-Istati Uniti mill-UE jew fl-UE mill-produtturi tal-UE. Din il-pretensjoni ma kinitx sostanzjata iktar minn hekk. Il-kumpanija ma ppreżentat l-ebda argumenti fir-rigward ta' kif dan il-kalkolu jkun aktar adatt għad-determinazzjoni tal-valur normali mill-metodu użat fir-Regolament provviżorju. B'mod partikolari ma ġiex sostanzjat l-għala jkun iktar adatt li l-valur normali jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-hollows minflok ma jkun ibbażat fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni għall-prodott simili.

(22) Barra minn hekk, ma ġiex sostanzjat l-għala għandhom jitqiesu l-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Istati Uniti. Din l-alternattiva ma tidhirx li hi adatta b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-produtturi Amerikani kollha li kkooperaw jiddependu fuq importazzjonijiet mill-kumpaniji ewlenin tagħhom fl-UE kif diġà ssemma fil-premessa (48) tar-Regolament provviżorju. Barra minn hekk, l-ispiża għolja tal-ipproċessar fl-Istati Uniti kif intqal fil-premessa (48) tar-Regolament provviżorju - li hija r-raġuni l-għala l-Istati Uniti tqiesu li ma kinux xierqa bħala pajjiż analogu - tagħmel il-metodu suġġerit inadatt.

(23) Fir-rigward tal-esportazzjonijiet mill-Istati Uniti lejn l-UE, din il-kwistjoni ġiet ittrattata espliċitament fil-premessa (49) tar-Regolament provviżorju. Tqies li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti jkunu influwenzati mill-ispejjeż ta' produzzjoni għoljin u li l-volumi ta' dawn l-esportazzjonijiet kienu limitati ħafna.

(24) L-istess kumpanija pproponiet li l-valur normali jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' importazzjoni reali tal-hollows tal-azzar li ma jissaddadx mill-prodotturi tal-UE. Madankollu, il-produttur tal-UE li jimporta l-hollows mill-Indja lejn l-UE, kif imsemmi fl-ilment, ma jikkooperax f'din l-investigazzjoni. Barra minn hekk ebda wieħed mill-prodotturi tal-UE fil-kampjun ma jimporta hollows mill-ebda pajjiż li mhux fl-UE. Għalhekk, il-metodoloġija proposta ma tistax tintuża.

(25) Meta jiġi kkunsidrat dan kollu, id-determinazzjoni tal-valur normali kif stabbilit fil-premessi (49) sa (51) tar-Regolament provviżorju huwa b'dan ikkonfermat.

3. **Prezz ta' esportazzjoni**

(26) Waħda mill-partijiet tenniet il-pretensjoni tagħha li għandha titqies id-data tal-ordni minflok id-data tal-irċevuta bħala d-data tal-bejgħ biex jiġi żgurat tqabbil ġust. Din il-pretensjoni saret b'referenza għall-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku. Kif ġie spjegat diġà lill-parti kkonċernata waqt is-seduta mal-Uffiċjal tas-Seduta li saret fil-11 ta' Marzu 2011, id-dispożizzjoni kkonċernata tirreferi speċifikament għall-konverżjonijiet tal-munita, jiġifieri r-rati ta' kambju applikabbli meta t-tqabbil tal-prezz ikun jeħtieġ konverżjoni tal-munita. Għaldaqstant, ir-referenza għad-dati tal-ordnijiet għax-xiri tikkonċerna l-konverżjonijiet tal-munita fil-qafas tat-tqabbil ġust bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali u ma għandux x'jaqsam mal-fatturat u l-volum tal-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-UE matul il-PI.

(27) Fil-każijiet kollha, il-prodott ikkonċernat kien esportat lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, u għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni effettivament imħallsa jew pagabbli. Għalhekk, il-premessa (52) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

4. **Tqabbil**

(28) Kif intqal fil-premessa (20) hawn fuq, il-kummenti tal-partijiet relatati mal-prezzijiet effettivament imħallsa jew pagabbli fl-Unjoni kif ukoll dawk li jikkonċernaw l-aġġustamenti (bħal-livell ta' perċezzjoni tal-kummerċ u tal-kwalità) ġew indirizzati fil-premessi (45) u (46) iktar 'l isfel.

(29) Waħda mill-partijiet ikkontestat il-metodu ta' tqabbil tal-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali bbażat fuq tliet parametri speċifiċi (id-dijametru, il-grad tal-azzar u t-tip tal-prodott (eż. irfinuti bil-kesħa jew bis-sħana). Il-parti sostniet li t-tqabbiliet kellhom isiru fil-livell ta' iktar dettall, jiġifieri kellhom jitqiesu parametri oħra wkoll, l-iktar il-ħxuna tal-parti mad-dawra, it-tul u l-ittestjar.

(30) Is-servizzi tal-Kummissjoni fil-fatt ġabru l-informazzjoni fir-rigward ta' għadd ta' parametri inkluż it-tul, il-ħxuna tal-parti mad-dawra u l-ittestjar.

(31) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping normalment jiġi stabbilit fuq bażi ta' tqabbil bejn il-valur medju normali differenzjat u b'medja differenzjata tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni kollha. L-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku jitlob li l-kalkoli tad-dumping għandhom ikunu bbażati fuq "it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni kollha lejn il-Komunità" imma jridu jkunu "suġġetti għad-dispożizzjonijiet rilevanti li jirregolaw it-tqabbil ġust." Il-kumpanija semmiet l-hekk imsejjaħ numru tal-kontroll tal-prodott u l-parametri li fih. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li n-numru tal-kontroll tal-prodott huwa għodda użata fl-investigazzjoni sabiex jiġu strutturati u organizzati l-ammonti sostanzjali ta' dejta dettaljata sew mibgħuta mill-kumpaniji. Dan huwa ta' għajnuna biex issir analiżi iktar dettaljata tal-karatteristiki differenti tal-prodott fi ħdan il-kategorija tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili. It-tqabbil kien ibbażat fuq l-iktar karatteristiki pertinenti sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust.

(32) Wara l-pretensjoni tal-kumpanija, il-Kummissjoni spjegat f'ittra li l-ħxuna tal-parti mad-dawra ta' pajp tkun marbuta b'mod proporzjonali mat-toqol tiegħu u b'hekk kienet koperta indirettament fit-tqabbil. Karatteristiki oħra, bħall-ittestjar, għandhom effetti minuri fuq it-tqabbil. Pereżempju, kważi l-prodotti kollha kkonċernati huma suġġetti għal applikazzjonijiet ta' ttestjar standard.

(33) Ta' min jenfasizza li, kuntrarjament għall-pretensjonijiet ta' dik il-parti, il-Kummissjoni ma warrbet l-ebda informazzjoni. Madankollu, mhix ħaġa rari li ċerti parametri użati fin-numru tal-kontroll tal-prodott ikollhom piż inqas u li ċerti parametri speċifiċi jiffurmaw bażi aħjar għal tqabbil ġust minn oħrajn. L-ebda pajpijiet ma twarrbu mit-tqabbil fuq il-bażi ta' differenzi fiżiċi jew għal kwalunkwe raġuni oħra u lanqas ma nħolqu tipi ta' prodotti ġodda. Anzi, il-bejgħ kollu ġie inkluż fit-tqabbil, irrispettivament mid-dijametru jew it-tul tal-pajp.

(34) Il-kumpanija sostniet ukoll li l-approċċ użat mill-Kummissjoni ma ħallihiex tippreżenta pretensjoni għal aġġustamenti minħabba karatteristiki fiżiċi. Din il-pretensjoni, għal darba oħra kienet ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni għamlet it-tqabbil fuq il-bażi ta' tliet parametri u mhux iktar u diġà ġiet indirizzata hawn fuq fil-premessi (31) et seq.

(35) Fir-rigward tal-parti proċedurali tal-kwistjoni tat-tqabbil, li tqajmet ukoll mill-istess parti, ta' min jinnota li l-kumpanija kellha kull opportunità li tikkummenta fuq il-kalkoli li saru fil-każ individwali tagħha. Id-dettalji kollha ta' dawk il-kalkoli ġew żvelati dakinhar tal-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju. Il-kumpanija kkummentat fuq il-kwistjoni tal-parametri użati fit-tqabbil f'ittra tal-11 ta' Lulju 2011 fejn talbet kjarifiki ulterjuri. Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew tweġiba fid-19 ta' Lulju 2011. Il-kumpanija mbagħad tenniet l-argumenti tagħha f'ittra tad-29 ta' Lulju 2011. Filwaqt li l-kumpanija ma qablitx mal-bażi għat-tqabbil, hija sostniet repetutament li l-parametri bħall-ħxuna tal-parti mad-dawra, it-tul u l-ittestjar kellhom impatt fuq il-prezzijiet. Kif intqal fuq, il-Kummissjoni tagħraf li dawn il-parametri kellhom xi impatt fuq il-prezzijiet. Madankollu, instab li jkun aktar xieraq, li l-kalkoli jkunu bbażati fuq it-3 parametri l-iktar importanti peress li dan iwassal għall-ogħla livell ta' tqabbil u fl-istess ħin għall-possibilità li jinstab bejgħ li jaqbel għat-tranżazzjonijiet kollha.

(36) Il-kumpanija sostniet li ma tħallietx tippreżenta l-pretensjonijiet tagħha għal aġġustament. Dan l-argument għandu jiġi miċħud. L-opportunitajiet biex il-pretensjonijiet ikunu ppreżentati kienu jeżistu tul il-proċediment kollu inkluż fil-mument tal-iżvelar tas-sejbiet provviżorji meta l-kumpanija saret taf bis-sħiħ bid-dettalji kollha tal-kalkoli.

(37) Waħda mill-partijiet sostniet li l-applikazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni ta' dijametri iżgħar għad-dijametri ikbar ma tirriflettix l-ispejjeż reali, għax l-ispejjeż għal dijametru ikbar kienu ħafna ogħla. Madankollu, il-parti ma pprovdiet l-ebda alternattiva u lanqas ma ssostanzjat il-pretensjoni tagħha. Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li ma ġie ppreżentat l-ebda metodu alternattiv, il-metodu użat huwa meqjus bħala dak l-iktar raġonevoli.

(38) Waħda mill-kumpaniji sostniet li l-għadd ta' aġġustamenti (il-fatt li l-Kummissjoni użat tliet parametri u mhux iktar, il-perċezzjoni tal-kwalità u l-livell tal-aġġustamenti tan-negozju) jissuġġerixxi li l-prodotti tal-produtturi tal-UE ma tantx huma

komparabbli mal-prodotti importati Ċiniżi. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li s-sempliċi fatt li l-istituzzjonijiet jagħmlu xi aġġustamenti huwa parti inerenti ta' kull kalkolu ta' dumping. Dawk l-aġġustamenti huma previsti fir-Regolament bażiku u għalhekk ma jikkompromettux il-komparabilità bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili. Fil-fatt il-proporzjon għoli ta' tqabbil jikkonferma li l-prodott ikkonċernat u l-prodott simili huma komparabbli għal kollox.

(39) B'rigward għal dan ta' hawn fuq, is-sejbiet tal-premessi (53) u (54) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

5. Marġnijiet ta' dumping

(40) Waħda mill-partijiet sostniet li minħabba varjazzjoni kbira fil-prezz tan-nikil, il-marġni tad-dumping kellu jkun ikkalkulat fuq bażi ta' kull kwart tas-sena. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li fil-każ preżenti t-tqabbil bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali mhux tqabbil bejn il-prezzijiet u l-ispejjeż, imma biss bejn il-prezzijiet tal-bejgħ medji differenzjati (il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-UE). Barra minn hekk, iż-żieda fil-prezzijiet tan-nikil kienet żieda fil-prezzijiet tas-suq dinji u għalhekk ma kienx fenomenu iżolat Ċiniż. Iż-żieda taffettwa mhux aktar minn tliet xhur tal-PI, filwaqt li l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat seħħ matul il-PI kollu. Barra minn hekk, bdil fil-prezzijiet tal-materja prima jrid jitqies bħala parti normali tal-operazzjonijiet tan-negozju. Il-prezzijiet dejjem jiżdiedu tan-nikil għandhom jaffettwaw kemm lill-produtturi tal-UE kif ukoll dawk Ċiniżi, peress li n-nikil huwa kkwotat fil-London Metal Exchange. Kwalunkwe differenzi jkunu dovuti għad-distorsjoni tal-prezzijiet fil-materja prima fir-RPĊ u għalhekk għandhom jitqiesu fil-kalkolu. Għaldaqstant, il-pretensjoni trid tiġi miċħuda u t-tqabbil ibbażat fuq il-prezzijiet medji annwali Ċiniżi tal-esportazzjoni bi prezzijiet tal-UE medji annwali, aġġustati dovutament biex jinkludu marġni ta' profitt raġonevoli. Din il-pretensjoni għalhekk ġiet miċħuda.

(41) Wieħed mill-produtturi Ċiniżi għamel pretensjoni sostanzjata li l-komputazzjoni tal-aġġustamenti fil-kalkolu ta' dumping individwali tiegħu ma kienx preċiż. Il-Kummissjoni aċċettat din il-pretensjoni u għamlet kalkolu ġdid, li rriżulta f'marġni tad-dumping ta' 83,7 %. Minbarra din il-bidla, is-sejbiet fil-premessi (55) sa (61) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati. Il-marġni tad-dumping riveduti huma kif ġejjin:

	Marġni tad-dumping definittivi
Changshu Walsin Specialty Steel, Co. Ltd., Haiyu	83,7 %
Shanghai Jinchang Stainless Steel Tube Manufacturing, Co. Ltd., Situan	62,6 %
Wenzhou Jiangnan Steel Pipe Manufacturing, Co. Ltd., Yongzhong	67,1 %
Il-medja differenzjata tal-kampjun għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u elenkati fl-Anness I	71,5 %

Il-kumpaniji l-oħra kollha	83,7 %

E. ĦSARA

1. L-industrija tal-Unjoni

(42) Fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u r-rappreżentattività tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, ma waslu l-ebda pretensjonijiet wara l-iżvelar provviżorju. Għalhekk, il-premessi (62) u (63) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. Il-konsum tal-Unjoni

(43) Fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, ma waslu l-ebda pretensjonijiet. Għalhekk, il-premessi (64) sa (66) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

(44) Rigward is-sejbiet provviżorji relatati mal-volum, is-sehem mis-suq u l-evoluzzjoni tal-prezz tal-importazzjonijiet iddampjati, ma ntbagħtu l-ebda pretensjonijiet mill-partijiet interessati. Għalhekk, il-premessi (67) sa (69) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

Twaqqigħ tal-prezz

(45) Fir-rigward tal-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz permezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, kemm il-produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll l-industrija tal-Unjoni talbu informazzjoni ulterjuri li tikkonċerna l-metodu ta' determinazzjoni ta' ċerti aġġustamenti (bħall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni, il-livell tal-kummerċ u l-perċezzjoni tal-kwalità fis-suq) li kienu ġew applikati fil-kalkolu. Il-Kummissjoni akkomodat dawn it-talbiet billi żvelat kif dawn l-aġġustamenti ġew determinati filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-kunfidenzjalità.

(46) Wara l-kummenti ta' produttur Ċiniż, saret korrezzjoni minuri fil-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz, bħal fil-kalkolu provviżorju l-livell tal-aġġustament tan-negozju inkluda wkoll parti tal-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni li fl-istess ħin kien kopert minn aġġustament separat għall-ispejjeż kollha ta' wara l-importazzjoni. Il-korrezzjoni rriżultat f'bidla ta' inqas minn punt perċentwali fil-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz u l-livell tat-tneħħija tal-ħsara (għar-reviżjoni tal-livell tat-tneħħija tal-ħsara ara l-premessi (82) u (83) hawn taħt) meta mqabbla mal-istadju provviżorju.

(47) Minbarra l-bidliet ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (70) u (71) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

(48) Wara l-iżvelar provviżorju, xi produtturi esportaturi Ċiniżi sostnew li ċerti indikaturi għandhom ikunu esklużi mill-analiżi tal-ħsara. Huma qalu li l-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità waqgħu bl-istess rata tal-konsum tal-Unjoni, u allegaw li

għal din ir-raġuni dawk l-indikaturi ma għandhomx jitqiesu bħala fatturi fl-analiżi tal-ħsara materjali. Saret pretensjoni simili fir-rigward tal-waqgħa fil-bejgħ tal-Unjoni li allegatament seħħet b'rata komparabbli mat-tnaqqis tal-konsum.

(49) F'dan il-kuntest ta' min l-ewwel nett jinnota li skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, "il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha li b'xi mod jaffettwaw l-istat tal-industrija" għandhom jiġu eżaminati f'analiżi ta' ħsara. Fir-rigward tal-effetti potenzjali ta' kwalunkwe fattur ieħor, ħlief l-importazzjonijiet iddampjati, li setgħu kkontribwew għall-ħsara, dawn huma ttrattati fil-Kapitolu F. Kawżalità, b'mod partikolari taħt il-punt li jikkonċerna l-effetti ta' kwalunkwe fattur ieħor (ara l-premessi (59) sa (69) hawn taħt).

(50) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (72) sa (89) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

5. Il-konklużjoni dwar il-ħsara

(51) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (90) sa (92) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

F. KAWŻALITÀ

1. Effetti tal-importazzjonijiet iddampjati u tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku

(52) Xi partijiet tennew il-pretensjonijiet tagħhom li ressqu matul l-istadju provviżjorju jiġifieri li parti sostanzjali tal-ħsara materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni għandha tiġi attribwita għal fatturi li mhumiex l-importazzjonijiet iddampjati.

(53) F'dan il-kuntest, wara l-iżvelar provviżorju, xi produtturi esportaturi Ċiniżi allegaw b'mod partikolari li parti sostanzjali tat-telf tal-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq kien dovut għal domanda dejjem tonqos minħabba l-kriżi ekonomika iktar milli minħabba l-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ. Huma allegaw ukoll li t-tnaqqis komparabbli fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi u tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus (b'9 % u 8 % rispettivament) indika wkoll li l-prezzijiet nežlin tal-industrija tal-Unjoni kien dovut purament għad-domanda iktar baxxa tas-suq u mhux għall-effett tal-importazzjonijiet iddampjati.

(54) L-ewwel nett, ta' min jinnota li huwa rikonoxxut fil-premessi (103) sa (106) tar-Regolament provviżorju li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u l-kontrazzjoni fid-domanda li rriżultat kellha effett negattiv fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni u li għalhekk setgħet ikkontribwiet għall-ħsara li sostniet l-industrija tal-Unjoni. Madankollu, dan ma jnaqqasx l-effett dannuż tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx u ddampjati li żiedu konsiderevolment sehemhom mis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(55) Kif spjegat fil-premessi (104) u (105) tar-Regolament provviżorju, l-effett tal-importazzjonijiet iddampjati huwa fil-fatt ferm iktar ta' detriment f'perjodu fejn id-domanda qiegħda tonqos milli waqt snin ta' tkabbir rapidu. L-importazzjonijiet Ċiniżi jidhru li waqqgħu kontinwament il-prezzijiet tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus. Barra minn hekk, matul il-PI it-twaqqigħ tal-prezz kien ta' bejn 21 % u 32 %, u l-importazzjonijiet Ċiniżi rrappreżentaw iktar minn 18 % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni, b'riżultat ta' kisba sostanzjali ta' 7,9 punti perċentwali matul il-perjodu meqjus. Għalhekk, filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi tefgħu pressjoni evidenti fuq il-prezz li

ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni toffri prezzijiet li jkopru l-ispejjeż (aħseb u ara prezzijiet li jagħmlu profitt), il-volum u s-sehem mis-suq ikbar ta' dawk l-importazzjonijiet ukoll għamluha impossibbli għall-industrija tal-Unjoni li jimmiraw lejn volumi ta' produzzjoni, utilizzazzjoni tal-kapaċità u bejgħ ikbar partikolarment fir-rigward tal-prodotti iktar tat-tip tal-materja prima li jinbigħu l-iktar permezz tad-distributuri.

(56) It-tieni, il-konklużjonijiet ibbażati unikament fuq ċerti indikaturi ta' ħsara bħall-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq, jew il-prezzijiet tal-bejgħ biss, ixekklu l-analiżi ta' dan il-każ. Pereżempju, it-telf fil-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq kienu kkombinati *inter alia* ma' deterjorament kbir fil-profittabilità u kienu dovuti, fil-parti l-kbira, għall-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet iddampjati. F'dak li jirrigwarda speċifikatament il-kwistjoni tas-sehem mis-suq, l-industrija tal-Unjoni tilfet 3,6 punti perċentwali għall-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-perjodu meqjus. Finalment, għal darba oħra minħabba r-rata tat-twaqqigħ fil-prezz u ż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi kemm f'termini assoluti u kemm f'termini relattivi, bl-ebda mod ma jista' jiġi konkluż li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni ma kienx relatat mal-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet iddampjati.

(57) Fid-dawl ta' li ntqal fuq, in-ness kawżali bejn l-importazzjonijiet iddampjati u l-ħsara materjali li nstabet hija b'dan ikkonfermata fuq il-bażi tal-eżistenza kkombinata tal-volum sostanzjali u l-pressjoni fuq il-prezzijiet li tefgħu l-importazzjonijiet Ċiniżi fuq l-industrija tal-Unjoni.

(58) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (94) sa (96) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. **Effetti ta' kwalunkwe fattur ieħor**

(59) Fir-rigward tal-effett tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra lejn l-Unjoni, xi produtturi esportaturi Ċiniżi sostnew li 1,0 mit-3,6 punti perċentwali tat-telf mis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kellhom ikunu attribwiti għall-importazzjonijiet mill-Ġappun u mill-Indja. Madankollu, il-fatti juru li l-importazzjonijiet Ċiniżi kisbu sehem mis-suq b'dannu kemm għall-importazzjonijiet l-oħra u kemm għall-industrija tal-Unjoni. Iż-żieda fis-sehem mis-suq Ċiniż ta' 7,9 punti perċentwali jistgħu jinqasmu fit-telf ta' 3,6 punti perċentwali mis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u t-telf ta' 4,3 punti perċentwali mis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet l-oħra.

(60) L-istess produtturi esportaturi Ċiniżi sostnew li l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet ta' xi pajjiżi terzi partikolari oħra, jiġifieri l-Ukraina, l-Indja u l-Istati Uniti, naqsu drastikament ukoll u dan seta' kien il-każun li saret ħsara lill-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward ta' min jinnota, madankollu, li kumplessivament, il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha ħlief ir-RPĊ effettivament żdiedu b'34 % matul il-perjodu meqjus. Kif diġà ntqal fil-premessa (100) tar-Regolament provviżorju, il-prezz medju ta' importazzjoni mill-Istati Uniti kien ferm ogħla mill-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni. Kif ġie enfasizzat ukoll fl-istess premessa, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Ukraina naqsu filwaqt li l-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet Amerikani u Indjani baqgħu bażikament stabbli. Madankolli, fuq il-bażi tad-dejta tal-Eurostat dwar dawk l-importazzjonijiet, ma jistax jiġi konkluż li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kien ikollhom rwol sinifikanti fid-deterjorament tal-istat tal-

industrija tal-Unjoni u b'hekk tinkiser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi ddampjati u l-ħsara.

(61) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward is-sejbiet stabbiliti fil-premessi minn (97) sa (102) tar-Regolament provviżorju, dawn is-sejbiet huma b'dan ikkonfermati.

(62) Fir-rigward tal-effett tat-tnaqqis fir-ritmu eknomiku, ir-raġunijiet l-għala t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku ma jistax jitqies bħala element li jikser ir-rabta kawżali huma analizzati fil-premessi (52) sa (58) hawn fuq. Peress li l-ebda wieħed mill-kummenti mibgħuta ma indikaw oppożizzjoni, is-sejbiet stabbiliti fil-premessi minn (103) sa (106) tar-Regolament provviżorju huma b'dan miżmuma.

(63) Rigward ir-rendiment tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward is-sejbiet fil-premessi (107) u (108) tar-Regolament provviżorju, dawn is-sejbiet huma b'dan ikkonfermati.

(64) Għadd ta' produtturi esportaturi Ċiniżi sostnew li ż-żieda ta' 18 % fl-unità tal-ispiża tal-produzzjoni deskritta fil-premessa (109) tar-Regolament provviżorju kellha rwol importanti fid-deterjorament tal-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni iktar milli kellhom l-importazzjonijiet iddampjati, u talbu analiżi iktar dettaljata tal-effett ta' dik iż-żieda fl-ispiża għal kull unità.

(65) Il-Kummissjoni eżaminat il-kwistjoni u sabet li ż-żieda fl-ispiża għal kull unità tal-produzzjoni tista' tiġi attribwita għal: spejjeż ogħla tal-manifattura b'riżultat tal-prezzijiet ogħla tal-materja prima, kif ukoll għal spejjeż fissi bħax-xogħol dirett, id-diprezzament, l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u l-ispejjeż tal-SG&A u anke għall-waqgħa mgħaġġla fil-produzzjoni.

(66) Peress li ċ-ċaqliq fl-ispiża tal-materja prima huwa fil-parti l-kbira kopert mill-mekkaniżmu tal-iffissar tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni – l-hekk imsejjaħ mekkaniżmu tas-"suppliment tal-prezz tal-liga" jorbot direttament il-prezzijiet tal-kwotazzjoni tal-iktar materji primi importanti bħan-nikil, il-molibdenu u l-kromju – l-impatt tiegħu fuq il-profittabilità x'aktarx li ma jkunx sinifikanti. Madankollu, l-elementi l-oħra, relatati mal-produzzjoni insuffiċjenti u l-volumi tal-bejgħ kellhom effett dirett fuq il-livelli ta' profittabilità. Peress li l-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienu jkunu ogħla b'mod sinifikanti fin-nuqqas ta' importazzjonijiet iddampjati, ma jistax jiġi konkluż li ż-żieda fl-ispiża għal kull unità tal-produzzjoni fiha nfisha hija fattur ewlieni li jwassal għall-ħsara iktar milli l-importazzjonijiet iddampjati, minħabba li hija marbuta inevitabbilment mal-volum miżjud ta' importazzjonijiet iddampjati.

(67) Xi produtturi esportaturi Ċiniżi sostnew ukoll li n-nuqqas tal-industrija tal-Unjoni biex tirristruttura minkejja t-tnaqqis kontinwu fil-konsum seta' kien fattur importanti li wassal għall-ħsara stabbilita.

(68) F'dan ir-rigward ta' min jinnota l-ewwel li l-industrija tal-Unjoni mhux biss kellha tlaħħaq mal-effett tat-tnaqqis kontinwu fil-konsum innifsu imma wkoll mal-impatt tal-importazzjonijiet iddampjati f'perjodu fejn il-konsum kien qed jonqos. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni (i) żammet il-kapaċità ta' produzzjoni tagħha bl-istennija li n-natura tal-kriżi tkun waħda temporanja u li jkun hemm irkupru minnha 'l quddiem, u ma tistax tiġi mistennija li tadatta l-kapaċità minħabba l-volumi

dejjem jikbru tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet stranament baxxi u ddampjati, (ii) żviluppat kontinwament it-taħlita tal-prodott tagħha b'enfasi fuq prodotti speċjalizzati b'valur ogħla fejn il-kompetizzjoni Ċiniża hija inqas prominenti u (iii) naqqset il-forza tax-xogħol tagħha bi 8 % u naqqset l-ispiża medja tax-xogħol għal kull impjegat bi 2 % fil-perjodu kkunsidrat (jekk dawn it-tnaqqisiet jingħaddu biss fil-perjodu ta' kriżi, jiġifieri bejn l-2008 u l-PI, huma jammontaw għal sa 19 u 11-il punt perċentwali, rispettivament). Dawn l-elementi kollha juru li l-industrija tal-Unjoni kienet attiva ferm biex tieħu miżuri f'tentattiv ta' reazzjoni għall-effetti negattivi li jiġu mill-ħsara li sofriet. Madankollu, il-passi ta' hawn fuq ma kinux biżżejjed biex ipattu għall-effetti dannużi tal-importazzjonijiet iddampjati f'perjodu ta' domanda baxxa.

(69) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi (109) u (110) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

(70) L-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-partijiet interessati ma juri li l-impatt ta' fatturi oħra għajr l-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ huwa tali li jikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet iddampjati u l-ħsara materjali stabbilita. Fid-dawl ta' dak li ntqal fuq, il-konklużjoni hi li l-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ ħolqu ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

(71) Għalhekk, il-konklużjonijiet dwar il-kawżalità fir-Regolament provviżorju, kif miġbura fil-qosor fil-premessi (111) sa (113) tiegħu, huma b'dan ikkonfermati.

G. L-INTERESS TAL-UNJONI

(72) Fid-dawl tal-kummenti tal-partijiet, il-Kummissjoni kompliet l-analiżi tagħha rigward l-interess tal-Unjoni.

1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(73) Rigward l-interess tal-industrija tal-Unjoni, ma waslu l-ebda kummenti jew informazzjoni oħra. Is-sejbiet fil-premessi minn (116) sa (120) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. Interess ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni

(74) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kummenti oħra dwar dan il-punt, il-premessi minn (121) sa (123) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3. Interess tal-utenti

(75) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, kumpanija utenti li ma kinitx ikkooperat bagħtet xi kummenti rigward l-interess tal-Unjoni. Bażikament, l-utent sostna li l-impatt tal-miżuri anti-dumping se jkun sinifikanti fuq il-kumpanija. Huwa stqarr li t-tubi tal-azzar li ma jissaddadx huma komponent kritiku għal bosta prodotti li jiġu wara fil-katina tal-produzzjoni inklużi dawk immanifatturati minn dak l-utent (eż skambjaturi tas-sħana), u li kien hemm ukoll tħassib addizzjonali tas-sigurtà tal-provvista minħabba d-dewmien li ġarrbet il-kumpanija fir-rigward ta' ċerti kunsinni li saru mill-produtturi tal-Unjoni.

(76) Madankollu, peress li dan l-utent jixtri biss 5 % tal-pajpijiet tal-azzar li ma jissaddadx tiegħu miċ-Ċina, l-impatt possibbli fuq din il-kumpanija jidher li jkun limitat, kemm f'termini ta' spejjeż u kemm bħala sigurtà tal-provvista.

(77) F'dak li jirrigwarda l-impatt allegat tal-ispejjeż, b'mod partikolari, il-kumpanija naqset milli tissustanzja l-pretensjoni tagħha b'dejta reali. Barra minn hekk, ta' min ifakkar li, kif stabbilit fil-premessi (124) u (125) tar-Regolament provviżorju, l-impatt tal-ispejjeż fuq l-uniku utent li kkoopera għal kollox tqies li hu insinifikanti, kemm fir-rigward tal-kumpanija kollha u kemm għat-taqsima tagħha li tuża tubi tal-azzar li ma jissaddadx.

(78) Fir-rigward tal-kwistjoni li qajjem l-utent rigward is-sigurtà tal-provvista, ta' min ifakkar li hemm għadd kbir ta' pajjiżi terzi barra r-RPĊ li qed ikomplu jesportaw it-tubi tal-azzar li ma jissaddadx lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, hekk kif l-industrija tal-Unjoni tibqa' l-iktar fornitur importanti tal-prodott, li din tkompli teżisti huwa kritiku għall-industrija utenti.

(79) Għalkemm fl-istadju provviżorju kien ikkunsidrat ukoll li l-miżuri anti-dumping seta' kellhom impatt aktar serju fuq dawk l-utenti li jużaw kwantitajiet sostanzjali ta' tubi tal-azzar importat mir-RPĊ għall-manifatturazzjoni tal-prodotti li jiġu wara fil-katina tal-produzzjoni (ara l-premessa (126) tar-Regolament provviżorju), minħabba li ma kien hemm la ebda pretensjoni sostanzjata u lanqas ebda informazzjoni ġdida wara l-iżvelar provviżorju, jista' jiġi konkluż li l-benefiċċji essenzjali lill-industrija tal-Unjoni mill-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping jidhru li jegħlbu l-impatti negattivi mistennija fuq dawn l-utenti. Għalhekk, is-sejbiet fir-rigward tal-interess tal-utenti kif stabbilit fil-premessi (124) sa (130) tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

(80) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal fuq, ġie konkluż definittivament li b'mod ġenerali ma jeżistu l-ebda raġunijiet konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ. Għalhekk, il-konklużjonijiet fil-premessi (131) u (132) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

H. MIŻURI DEFINITTIVI

1. Livell ta' tneħħija tal-ħsara

(81) L-ilmentaturi stqarrew li l-profitt fil-mira ta' 5 %, kif stabbilit fl-istadju provviżorju, kien eċċessivament baxx u tennew il-fehma li l-livell ta' 12 % ikun iġġustifikat, fid-dawl tal-fatt li l-industrija kkonċernata hija intensiva fil-kapital u teħtieġ titjib tekniku permanenti u aġġornamenti fl-innovazzjoni u għaldaqstant investimenti sostanzjali. L-ilmentaturi sostnew li dan il-livell ta' profittabilità jkun meħtieġ biex jiġġenera biżżejjed redditu fuq il-kapital u jippermetti dawk l-investimenti. Madankollu, il-pretensjoni ta' hawn fuq ma kinitx sostanzjata b'mod konvinċenti b'ċifri reali. Għalhekk, il-konklużjoni hi li l-marġni ta' profitt ta' 5 % stabbilit fl-istadju provviżorju għandu jinżamm.

(82) Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell tat-tneħħija tal-ħsara, kif diġà ntqal fil-premessa (45) hawn fuq, il-korrezzjoni żgħira fir-rigward tal-aġġustament għal-livell tal-kummerċ li affettwat il-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz applikat ukoll fil-kalkolu tal-livell tat-tneħħija tal-ħsara.

(83) Il-bidla ta' hawn fuq wasslet għal reviżjoni minuri tal-livell tat-tneħħija tal-ħsara. Minħabba f'hekk, il-livell tat-tneħħija tal-ħsara qiegħed xi mkien bejn it-48,3 % u l-71,9 % kif jidher mit-tabella ta' hawn taħt:

Kumpanija/kumpaniji	Livell ta' tneħħija tal-ħsara
Changshu Walsin Specialty Steel, Co. Ltd., Haiyu	71,9 %
Shanghai Jinchang Stainless Steel Tube Manufacturing, Co. Ltd., Situan	48,3 %
Wenzhou Jiangnan Steel Pipe Manufacturing, Co. Ltd., Yongzhong	48,6 %
Il-medja differenzjata tal-kampjun għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u elenkati fl-Anness I	56,9 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	71,9 %

(84) Produttur esportatur Ċiniż sostna li minħabba l-ħsara li nħolqot mill-kriżi ekonomika, il-marġni ta' ħsara għandu jkun ibbażat fuq it-twaqqigħ tal-prezz u mhux fuq il-bejgħ taħt il-prezz filwaqt li sostna wkoll li dan il-metodu kien dak segwit f'għadd ta' proċedimenti anti-dumping[4]. Madankollu, fl-investigazzjonijiet kollha msemmija mill-produttur esportatur, kien hemm raġunijiet partikolari li jirrigwardaw l-industrija jew is-settur ekonomiku (bħat-theddida li jinħoloq monopolju, żieda sostanzjali fil-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni f'suq matur, in-nuqqas fit-tul tal-profitti tal-industrija fuq skala globali) li appoġġjaw l-applikazzjoni eċċezzjonali ta' din il-metodoloġija partikolari. F'din l-investigazzjoni dan ma kienx il-każ, peress li l-kriżi ekonomika

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2376/94 tas-27 ta' Settembru 1994 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' riċevituri tat-televixins bil-kulur li joriġinaw mill-Malasja, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea, Singapor u t-Tajlandja, ĠU L 255, 1.10.1994, p. 50, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 129/91 tal-11 ta' Jannar 1991 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' riċevituri tat-televixins bil-kulur bi skrin żgħir li joriġinaw minn Ħong Kong u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ĠU L 14, 19.1.1991, p. 31, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ġunju 1991 li taċċetta l-impenji mogħtija b'konnessjoni mal-proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet tas-siment tal-asbestos li joriġinaw fit-Turkija, u li jtemmu l-investigazzjoni (91/392/KEE), ĠU L 209, 31.7.1991, p. 37, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2686/92 tas-16 ta' Settembru 1992 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' mikroċirkwiti magħrufa bħala DRAMs (dynamic random access memories) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, ĠU L 272, 17.9.1992, p. 13, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1331/2007 tat-13 ta' Novembru 2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' disiandiamide li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 296, 15.11.2007, p. 1.

affettwat l-ekonomija globali kollha, u għalhekk ma tistax titqies bħala speċifika għall-industrija li tipproduċi l-pajpijiet u t-tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx.

2. **Miżuri definittivi**

(85) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u b'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq il-prodott ikkonċernat fil-livell tal-inqas wieħed mill-marġni misjuba tad-dumping u tal-ħsara, skont ir-regola tal-inqas dazju. F'dan il-każ, peress li l-livelli tat-tneħħija tal-ħsara huma aktar baxxi mill-marġni tad-dumping stabbiliti, il-miżuri definittivi għandhom ikunu bbażati fuq il-livelli tat-tneħħija tal-ħsara.

(86) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal fuq, ir-rati tad-dazju, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija/kumpaniji	Rata ta' dazji anti-dumping definittivi
Changshu Walsin Specialty Steel, Co. Ltd., Haiyu	71,9 %
Shanghai Jinchang Stainless Steel Tube Manufacturing, Co. Ltd., Situan	48,3 %
Wenzhou Jiangnan Steel Pipe Manufacturing, Co. Ltd., Yongzhong	48,6 %
Il-medja differenzjata tal-kampjun għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u elenkati fl-Anness I	56,9 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	71,9 %

(87) Ir-rati tad-dazju anti-dumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet tal-investigazzoni preżenti. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul l-investigazzjoni fir-rigward tal-kumpaniji kkonċernati. Dawn ir-rati tad-dazju (b'kuntrast mad-dazju nazzjonali applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") għalhekk huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodotti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u prodotti mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati prodotti minn kull kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux igawdu minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(88) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' evażjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa kkunsidrat li huma meħtieġa miżuri speċjali f'dan il-każ biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu l-

preżentazzjoni lill-awtoritajiet Doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II ma' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn din il-fattura għandhom ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping residwu applikabbli għall-esportaturi l-oħra kollha.

(89) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati aktar baxxi tad-dazju individwali tiżdied b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li tikkostitwixxi fiha nnifisha bidla fix-xejra tal-kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, u sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet, jista' jingħata bidu għal investigazzjoni kontra l-evażjoni. Din l-investigazzjoni tista', *inter alia*, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju nazzjonali.

(90) Kull talba għall-applikazzjoni ta' rata ta' dazju anti-dumping għal kumpanija individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni[5] minnufih flimkien mat-tagħrif rilevanti kollu, b'mod partikolari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u b'esportazzjoni assoċjat ma', pereżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi mbagħad emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jgawdu minn rati ta' dazju individwali.

(91) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti essenzali u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom kienet ibbażata l-intenzjoni li tiġi rakkomandata l-imposizzjoni ta' dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-RPĊ. Huma ngħataw ukoll perjodu ta' żmien li matulu setgħu jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet wara l-iżvelar finali.

(92) Il-kummenti mibgħuta mill-partijiet interessati kienu kkunsidrati sew, u, fejn kien xieraq, is-sejbiet kienu mmodifikati skonthom. L-ebda wieħed mill-kummenti ma kienu tali li jbiddlu is-sejbiet tal-investigazzjoni.

(93) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju anti-dumping, il-livell ta' dazju fil-pajjiż kollu għandu japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx iżda wkoll għal dawk il-produtturi li ma jkollhom l-ebda esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI.

(94) Sabiex jiġi żgurat l-istess trattament bejn kwalunkwe esportatur ġdid u l-kumpaniji li jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, imsemmija fl-Anness I ma' dan ir-Regolament, id-dazju medju differenzjat impost fuq dawn il-kumpaniji tal-aħħar għandu jiġi stipulat biex jiġi applikat għal kwalunkwe esportaturi ġodda li nkella jkollhom dritt għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku peress li dan l-Artikolu ma japplikax fejn ikun sar it-teħid tal-kampjuni.

3. **Ġbir definittiv ta' dazji provviżorji**

[5] European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Office N105 04/092, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

(95) Minħabba d-daqs tal-marġni tad-dumping misjuba u minħabba l-livell tal-ħsara kkawżat lill-industrija tal-Unjoni (id-dazju definittiv impost minn dan ir-Regolament li ġie ffissat f'livell ogħla mid-dazju provviżorju impost mir-Regolament provviżorju), huwa meqjus li hemm bżonn li l-ammonti miksuba permezz tad-dazju anti-dumping provviżorju, impost mir-Regolament provviżorju għandhom jinġabru b'mod definittiv,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

5. Dazju anti-dumping definittiv huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx (ħlief dawk il-pajpijiet u tubi b'tagħmir imwaħħal magħhom li jkunu adatti biex jgħaddu l-gassijiet u l-likwidi minnhom għall-użu fi bċejjeċ tal-ajru ċivili), li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM 7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, ex 7304 41 00, 7304 49 10, ex 7304 49 93, ex 7304 49 95, ex 7304 49 99 u ex 7304 90 00 (kodiċijiet TARIC 7304 41 00 90, 7304 49 93 90, 7304 49 95 90, 7304 49 99 90 u 7304 90 00 91), u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

6. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija/kumpaniji	Rata ta' dazji anti-dumping definittivi	Kodiċi addizzjonali TARIC
Changshu Walsin Specialty Steel, Co. Ltd., Haiyu	71,9 %	B120
Shanghai Jinchang Stainless Steel Tube Manufacturing, Co. Ltd., Situan	48,3 %	B118
Wenzhou Jiangnan Steel Pipe Manufacturing, Co. Ltd., Yongzhong	48,6 %	B119
Il-kumpaniji elenkati fl-Anness I	56,9 %	
Il-kumpaniji l-oħra kollha	71,9 %	B999

7. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li trid tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II. Jekk din il-fattura ma tiġix ippreżentata japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti miġbura permezz ta' dazji anti-dumping provviżorji skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 627/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx (ħlief dawk il-pajpijiet u tubi b'tagħmir imwaħħal magħhom li jkunu adatti biex jgħaddu l-gassijiet u l-likwidi minnhom għall-użu fi bċejjeċ tal-ajru ċivili), li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM 7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, ex 7304 41 00, 7304 49 10, ex 7304 49 93, ex 7304 49 95, ex 7304 49 99 u ex 7304 90 00 u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandhom jinġabru b'mod definittiv.

Artikolu 3

Meta kwalunkwe produttur esportatur ġdid fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina jipprovdi evidenza biżżejjed lill-Kummissjoni li:

– ma jkunx esporta lejn l-Unjoni l-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) waqt il-perjodu tal-investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010),

– ma jkun relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma soġġetti għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament,

– li effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni,

il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi fuq proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, jista' jemenda l-Artikolu 1(2) billi jżid il-produttur esportatur il-ġdid mal-kumpaniji li jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u għalhekk suġġetti għar-rata tad-dazju medja differenzjata ta' 56,9 %.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

PRODUTTURI ESPORTATURI ĊINIŻI LI MA KINUX FIL-KAMPJUN

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Baofeng Steel Group, Co. Ltd., Lishui,	B 236
Changzhou City Lianyi Special Stainless Steel Tube, Co. Ltd., Changzhou,	B 237
Huadi Steel Group, Co. Ltd., Wenzhou,	B 238
Huzhou Fengtai Stainless Steel Pipes, Co. Ltd., Huzhou,	B 239
Huzhou Gaolin Stainless Steel Tube Manufacture, Co. Ltd., Huzhou,	B 240
Huzhou Zhongli Stainless Steel Pipe, Co. Ltd., Huzhou,	B 241
Jiangsu Wujin Stainless Steel Pipe Group, Co. Ltd., Beijing,	B 242
Jiangyin Huachang Stainless Steel Pipe, Co. Ltd., Jiangyin	B 243
Lixue Group, Co. Ltd., Ruian,	B 244
Shanghai Crystal Palace Pipe, Co. Ltd., Shanghai,	B 245
Shanghai Baoluo Stainless Steel Tube, Co. Ltd., Shanghai,	B 246
Shanghai Shangshang Stainless Steel Pipe, Co. Ltd., Shanghai,	B 247
Shanghai Tianbao Stainless Steel, Co. Ltd., Shanghai,	B 248
Shanghai Tianyang Steel Tube, Co. Ltd., Shanghai,	B 249
Wenzhou Xindeda Stainless Steel Material, Co. Ltd., Wenzhou,	B 250
Wenzhou Baorui Steel, Co. Ltd., Wenzhou,	B 251
Zhejiang Conform Stainless Steel Tube, Co. Ltd., Jixing,	B 252
Zhejiang Easter Steel Pipe, Co. Ltd., Jiaxing,	B 253
Zhejiang Five - Star Steel Tube Manufacturing, Co. Ltd., Wenzhou,	B 254
Zhejiang Guobang Steel, Co. Ltd., Lishui,	B 255
Zhejiang Hengyuan Steel, Co. Ltd., Lishui,	B 256
Zhejiang Jiashang Stainless Steel, Co. Ltd., Jiaxing City,	B 257
Zhejiang Jinxin Stainless Steel Manufacture, Co. Ltd., Xiping Town,	B 258
Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals, Co. Ltd., Huzhou,	B 259
Zhejiang Kanglong Steel, Co. Ltd., Lishui,	B 260
Zhejiang Qiangli Stainless Steel Manufacture, Co. Ltd., Xiping Town,	B 261
Zhejiang Tianbao Industrial, Co. Ltd., Wenzhou,	B 262
Zhejiang Tsingshan Steel Pipe, Co. Ltd., Lishui,	B 263
Zhejiang Yida Special Steel, Co. Ltd., Xiping Town.	B 264

ANNESS II

Fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3), għandu jkun hemm dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali, fil-format li ġej:

(1) l-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali;

(2) id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li (l-volum) tal-pajpijiet u t-tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u s-sede rreġistrata) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett.

Data u firma."